

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 701/2009

tat-3 ta' Awwissu 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1182/2008 li jistabbilixxi l-ammonti ta' għajjnuna minn qabel għall-ħżin privat tal-butir għall-2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament "Waħdieni dwar l-OKS") [ir-Regolament dwar l-"OKS Unika"]⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(a) u (d), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Il-prezzijiet tas-suq dinji għall-prodotti tal-ħalib waqgħu notevolment minħabba żieda fil-provvista dinjija u tnaqqis fid-domanda dovuti għall-kriżi finanzjarja u ekonomika. Il-prezzijiet tas-suq Komunitarju għall-prodotti tal-ħalib waqgħu b'mod sinifikanti. B'riżultat ta' taħlita ta' miżuri tas-suq li ttieħdu mill-bidu ta' din is-sena, il-prezzijiet Komunitarji stabbilizzaw rwieħhom fil-livelli tal-prezz tal-appoġġ. Jeħtieġ li dawn il-miżuri ta' appoġġ għas-suq, bħall-ħżin privat, jibqgħu applikabbli sakemm ikunu meħtieġa biex il-prezzijiet ma jkomplu jaqgħu u biex ma jkunx hemm aktar tfixkil fis-suq Komunitarju.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008⁽²⁾ jipprovdi regoli komuni għall-ġhotja ta' għajjnuna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti agrikoli.

(3) L-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1182/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi l-ammonti ta' għajjnuna minn qabel għall-ħżin privat tal-butir għall-2009 jipprovdi li l-perjodu għad-dħul fil-ħżin kuntrattwali tal-butir⁽³⁾ jintemm fil-15 ta' Awwissu 2009.

(4) Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq attwali u ta' dik prevista, jeħtieġ li l-għajjnuna għall-ħżin privat tal-butir li jiddaħħal fi ħżin kuntrattwali tibqa' tingħata mill-15 ta' Awwissu 2009 sat-28 ta' Frar 2010.

(5) Biex ma jkunx hemm provvista żejda fis-suq, it-tneħħija mill-ħżin għandha tibda sseħħ, għall-prodotti li jiddaħħlu wara l-15 ta' Awwissu 2009, mis-16 ta' Awwissu 2010 biss u l-perjodu għall-ħżin kuntrattwali ma għandux ikun itwal minn 365 jum.

(6) Għal raġunijiet ta' effikaċja u semplifikazzjoni amministrattivi, u b'qies għas-sitwazzjoni partikolari tal-ħżin tal-butir, il-kontrolli kif provduti fl-Artikolu 36(6) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandhom jitwettqu mill-anqas fuq nofs il-kuntratti. Konsegwentement, għandha tiġi introdotta deroga minn dak l-Artikolu.

(7) B'qies għat-tul tal-perjodu għall-ħżin skont il-miżura estiża, il-ħlas bil-quddiem, kif provdut fl-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu jiġi adattat għall-prodotti li jinħażnu wara l-15 ta' Awwissu 2009.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1182/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1182/2008 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Dan ir-Regolament jipprovdi għal għajjnuna għall-ħżin privat tal-butir, kemm jekk mielaħ kif ukoll jekk mingħajr melħ, kif imsemmi fl-Artikolu 28(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għall-butir li jiddaħħal fi ħżin kuntrattwali sat-28 ta' Frar 2010."

(2) Fl-Artikolu 4, il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Id-dħul fi ħżin kuntrattwali għandu jseħħ:

(a) bejn l-1 ta' Jannar u l-15 ta' Awwissu 2009; jew

(b) bejn is-16 ta' Awwissu 2009 u t-28 ta' Frar 2010.

3. It-tneħħija mill-ħżin tista' ssir biss:

(a) mis-16 ta' Awwissu 2009 għall-prodotti li jiddaħħlu fi ħżin kuntrattwali fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 2(a);

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3

⁽³⁾ ĠU L 319, 29.11.2008, p. 49.

(b) mis-16 ta' Awwissu 2010 għall-prodotti li jiddaħħlu fi ħżin kuntrattwali fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 2(b);

4. Il-ħżin kuntrattwali għandu jintemm:

(a) fil-jum ta' qabel dak li fih jitneħħew mill-ħżin jew mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Frar tas-sena ta' wara dik li fiha jiddaħħlu fil-ħżin, għall-prodotti li jiddaħħlu fi ħżin kuntrattwali fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 2(a);

(b) fil-jum ta' qabel dak li fih jitneħħew mill-ħżin, għall-prodotti li jiddaħħlu fi ħżin kuntrattwali fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 2(b).

5. L-għajnuna tista' tingħata biss meta l-perjodu għall-ħżin kuntrattwali jkun:

(a) bejn 90 u 227 jum, għall-prodotti maħżuna fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 2(a);

(b) ta' mhux aktar minn 365 jum, għall-prodotti maħżuna fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 2(b)."

(3) Fl-Artikolu 6 għandhom jiżiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 31(2) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, il-ħlas bil-quddiem għall-butir li jiddaħħal fi ħżin kuntrattwali matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 4(2), il-punt (b) tar-Regolament attwali ma għandux ikun ogħla mill-ammont korrispondenti għal perjodu ta' ħżin ta' 168 jum.

4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 36(6) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, fit-tmiem tal-perjodu tal-ħżin kuntrattwali, l-awtorità responsabbli għall-kontroll għandha, tul il-perjodu kollu tat-tneħħija mill-ħżin bejn Awwissu 2009 u Frar 2010 u fir-rigward ta' mill-anqas nofs l-għadd tal-kuntratti, permezz ta' kampjuni, tivverifika l-piż u l-identifikazzjoni tal-butir maħżun."

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni